MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 224/2008

**Mediacoop Limited (Coop No.49)**

**Vs**

**Peter Busuttil I.D. 488064 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta’ Marzu 2008, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf erbgha mija tmienja u tletin Euro u erbgha u tletin centezmu (€1,438.34) ekwivalenti ghal sitt mija u sbatax Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm617.48) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax u bl-ispejjes kollha.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-30 ta’ Mejju 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf erbgha mija tmienja u tletin Euro u erbgha u tletin centezmu (€1,438.34) ekwivalenti ghal sitt mija u sbatax Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm617.48), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kif mitluba u dawk ta’ dina l-istanza li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------